

Brussell, 11 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9003/26

EDUC 146
DIGIT 129
SOC 240
COMPET 536
TELECOM 216

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema fl-era tal-intelliġenza artifiċjali (IA)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Mejju 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema fl-era tal-intelliġenza artifiċjali (IA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IFAKKAR fil-kuntest politiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-kisba sħiħha u r-rwol ewlieni tal-għalliema, li huma fil-qalba ta' sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja, inklużivi u orjentati lejn il-futur adatti għall-era diġitali;

JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li s-sovranità diġitali u l-awtonomija strateġika huma essenzjali għall-Ewropa, filwaqt li jinnota li t-tnaqqis tad-dipendenzi assoċjati mal-għodod u t-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali (IA) żviluppata barra mill-Ewropa, inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ, huwa kruċjali.

JIRRIKONOXXI li

1. l-IA għandha rwol ċentrali fil-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli tal-Ewropa;
2. it-tranżizzjoni diġitali li għaddejja bħalissa – u b'mod partikolari l-iżvilupp u l-implimentazzjoni rapidi tal-IA – qed issawwar mill-ġdid il-ħajja ta' kuljum mal-Unjoni kollha, u qed toħloq realtazjet ġodda għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
3. l-IA għandha l-potenzjal li tinfluwenza kif jiġi organizzat l-apprendiment, kif l-għalliema jfasslu, jipprovdu u jivvalutaw l-istruzzjoni, u kif l-istudenti jaċċessaw u jinterpretaw l-informazzjoni, u għalhekk tista' tittrasforma r-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti; tista' taffettwa wkoll kif l-iskejjel jimmaniġġaw il-kompiti amministrattivi;
4. l-integrazzjoni tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ tirrikjedi li nibnu fuq il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali eżistenti u l-iżvilupp kontinwu tagħhom, kif ukoll oqfsa ta' gwida u ta' appoġġ li jippermettu li l-għalliema, l-istudenti u s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu mgħammra b'mod adegwat għat-trasformazzjoni diġitali;
5. dawn il-bidliet jistgħu jaffettwaw ir-rwoli tal-għalliema, il-prattiki pedagoġiċi, l-aspettattivi imposti fuq l-għalliema, u l-organizzazzjoni usa' tal-ħajja skolastika.

JISSOTTOLINJA li għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, it-terminu "għalliema" jinkludi għalliema, ħarrieġa, mexxejja tal-iskejjel u persunal pedagoġiku ieħor involut fit-tagħlim tal-istudenti fil-livell preprimarju, primarju, sekondarju tal-ewwel livell u dak tat-tieni livell tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) inizjali u dawk sekondarji tat-tieni livell, u għandu jinftiehem f'konformità mal-liġi nazzjonali jew, fejn applikabbli, dik reġjonali u l-istruttura ta' kull sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

JENFASIZZA li l-IA għandha l-potenzjal li ttejjeb:

6. l-apprendiment attiv u kollaborattiv u l-involviment kreattiv;
7. l-inklużjoni, permezz tal-provvista ta' riżorsi edukattivi għaż-żgħażagħ b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali;
8. l-aċċessibilità għall-istudenti f'żoni rurali u remoti u minn kuntesti sottorappreżentati u emarġinati;
9. il-parteċipazzjoni ta' studenti minn kuntesti lingwistiċi differenti fl-apprendiment, u b'hekk tissaħħaħ id-diversità kulturali u lingwistika;
10. il-pedagoġija permezz ta' varjetà ta' approċċi, inkluż apprendiment prattiku u esperjenzali;
11. il-personalizzazzjoni biex jiġu indirizzati profili ta' apprendiment differenti, inkluż struzzjonijiet individwalizzati u feedback immedjat, u b'hekk tiġi appoġġata l-kisba ta' għarfien u ħiliet;
12. il-prattiki ta' valutazzjoni li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet u l-progress individwali tal-istudenti, li jippermettu l-identifikazzjoni bikrija tal-lakuni u l-feedback formattiv u jipprevjenu r-riskji ta' diżimpenn jew tluq bikri mill-iskola;
13. l-effiċjenza amministrattiva, li tippermetti li jiġi ddedikat aktar ħin għall-proċess tat-tagħlim u l-apprendiment;

JINNOTA li l-IA tista' toħloq tħassib dwar:

14. l-azzjoni tal-bniedem u s-sorveljanza mill-bniedem, speċjalment peress li l-IA għandha l-potenzjal li timmina l-awtonomija tal-għalliema u tal-istudenti;
15. id-dipendenza teknoloġika fuq l-għodod tal-IA, b'mod partikolari l-IA ġenerattiva, li gradwalment tista' timmina l-ħsieb kritiku, kif ukoll il-kapaċitajiet konjittivi u metakonjittivi meħtieġa għall-apprendiment, filwaqt li potenzjalment taffettwa l-motivazzjoni tal-istudenti, il-perċezzjonijiet tal-valur tal-edukazzjoni u l-impenn għall-apprendiment tul il-ħajja;
16. l-użu eċċessiv u mingħajr skop ta' skrins u għodod abilitati bl-IA minn studenti żgħażaġh, li jista' jfixkilhom u, f'xi każijiet, ifixkel il-konċentrazzjoni u l-kisba tal-ħiliet tagħhom;
17. ir-responsabbiltà tal-bniedem, li tista' tiġi mminata minħabba dipendenza żejda fuq l-għodod tal-IA, u b'hekk potenzjalment twassal għal miżinformazzjoni, plaġjariżmu jew kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur;
18. preġudizzji inkorporati fl-IA jew amplifikati minnha, speċjalment jekk ma jitqisux speċifikitajiet kuntestwali oħra, li jistgħu jirriżultaw f'diskriminazzjoni, inugwaljanza u esklużjoni;
19. il-kwalità, l-integrità, il-protezzjoni u t-trasparenza tad-data, speċjalment minħabba l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-fiduċja, l-ekwità, il-privatezza u r-responsabbiltà;
20. ir-riskju li jikbru d-distakki diġitali, speċjalment b'aċċess mhux ugwali għal għodod u infrastruttura tal-IA u t-tfassil inadegwat tagħhom, kif ukoll disparitajiet fil-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, li potenzjalment jaggravaw l-inugwaljanzi fost l-istudenti;
21. il-benesseri soċjetali, mentali u ambjentali, speċjalment minħabba r-riskju li l-implimentazzjoni tal-IA tista' taffettwa l-koeżjoni soċjali, il-proċessi konjittivi u tkompli taggrava l-kriżi ambjentali u klimatika.

JENFASIZZA

22. il-ħtieġa ta' approċċ bilanċjat, imnebbaħ mill-evidenza, bi skop u xprunat mill-valuri għall-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li jħaddan l-opportunitajiet filwaqt li jidentifika, jipprevjeni u jimmitiga r-riskji b'mod proattiv;
23. l-importanza li ssir distinzjoni bejn l-għodod tal-IA bi skop ġenerali użati fil-prattiki edukattivi u s-soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-edukazzjoni (EdTech) tal-IA li huma mirfuda minn prinċipji pedagoġiċi u mfassla biex itejbu l-eżiti edukattivi, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju definit fl-Att dwar l-IA;
24. li flimkien ma' bidliet teknoloġiċi kbar, id-dimensjoni umana tat-tagħlim u l-apprendiment, ibbażata fuq l-użu etiku, sikur u responsabbli tal-IA, tibqa' ċentrali;
25. li l-għalliema huma faċilitaturi ewlenin ta' dan l-isforz u jistgħu jgħinu lis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jibbenefikaw mill-innovazzjoni filwaqt li jkomplu jippromwovu l-kwalità, l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd, li jibqgħu ċentrali hekk kif nimxu lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

JENFASIZZA li

26. l-għalliema għandhom rwol deċiżiv fil-proċess ta' apprendiment, u fit-tiswir ta' kif l-IA tiġi introdotta, interpretata u użata;
27. id-deċiżjonijiet edukattivi fir-rigward tal-użu tal-IA għandhom jibqgħu bbażati fuq skop pedagoġiku;
28. l-għodod tal-IA jridu jappoġġaw – u mhux jissostitwixxu jew jiżolaw – lill-għalliema, u li l-ġudizzju professjonali, l-awtonomija pedagoġika u r-responsabbiltà huma essenzjali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, inklużivi u ċċentrati fuq il-bniedem.

JAFFERMA r-rwol essenzjali u li qed jevolvi tal-ġhalliema:

29. fit-tħaddin tal-opportunitajiet offruti mill-IA, filwaqt li jiġu ssalvagwardati l-fiduċja u l-interazzjonijiet sinifikanti bejn l-ġhalliema u l-istudenti fil-klassi, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' żvilupp u soċjoemozzjonali tal-istudenti, billi jiġu żgurati gwida u superviżjoni xierqa skont l-età;
30. fl-iffaċilitar tal-apprendiment b'ġħodod tal-IA, bl-użu ta' approċċi ta' taġħlim kreattivi, innovattivi u personalizzati, fejn dan iżid il-valur pedagoġiku;
31. fil-valutazzjoni kritika tal-outputs tal-IA, fl-ispjegazzjoni tal-limitazzjonijiet u l-preġudizzji potenzjali tas-sistemi tal-IA u fl-appoġġ lill-istudenti fl-evalwazzjoni tal-informazzjoni ġġenerata mill-IA;
32. fit-tisħiħ taċ-ċittadinanza diġitali billi l-istudenti jiġu ggwidati fl-użu responsabbli, etiku u kritiku tal-IA, u b'hekk tissaħħaħ il-parteciġpazzjoni demokratika infurmata u attiva;
33. biex l-istudenti jiġu megħjuna jivvalutaw l-implikazzjonijiet ambjentali, soċjetali u etiċi tal-ġħodod tal-IA, b'appoġġ ġħal futur ekoloġiku, ġust u reżiljenti;
34. fil-kontribut, fejn xieraq, ġħall-kodisinn, l-ġħażla, l-evalwazzjoni u l-adattament kuntestwali tal-ġħodod tal-IA użati fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

U ġħalhekk, **IĦEĠĠEĠ** approċċi ġħall-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ li ġħandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji tal-umaniżmu diġitali, filwaqt li jiġi żgurat li t-teknoloġija taqdi lin-nies, tappoġġa l-azzjoni tal-bniedem, u ssaħħaħ il-valuri demokratiċi.

JIRRIKONOXXI li

35. l-investiment fl-għalliema huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-IA tikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-tagħlim u l-apprendiment;
36. l-għoti tas-setgħa lill-għalliema biex jinnavigaw l-opportunitajiet u r-riskji tal-IA jirrikjedi:
- a) litteriżmu fl-IA, inkluż l-għarfien tal-għodod u t-teknoloġiji tal-IA u l-ħiliet u l-kompetenzi fihom, kif ukoll il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku;
 - b) gwida ta' kwalità għolja, tisħiħ tal-kapaċitajiet u żvilupp professjonali;
 - c) fehim ċar tal-isfidi tas-sovranià tad-data relatati mal-użu tal-għodod tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
 - d) qafas ta' politika komprensiv li jappoġġa l-implimentazzjoni sikura ta' għodod u teknoloġiji affidabbli tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ u li jissalvagwarda l-awtonomija pedagoġika u t-teħid ta' deċiżjonijiet professjonali;
 - e) kundizzjonijiet tax-xogħol ta' appoġġ, inkluż assistenza minn teknoloġisti edukattivi, u l-infrastruttura diġitali meħtieġa biex l-għalliema minn kull sfond, livell ta' pronteżza diġitali u età jkunu jistgħu jadattaw għall-bidla teknoloġika u jeżerċitaw il-ġudizzju professjonali tagħhom b'mod responsabbli u b'kunfidenza;
37. approċċi fil-livell tas-sistema u dawk skolastiċi integrati, li jinvolvu lill-atturi ewlenin kollha, inkluż il-ġenituri u l-familji, huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata integrazzjoni koerenti, sostenibbli u ekwa tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiġu evitati piżijiet żejda fuq l-għalliema individwali.

JIĠBED L-ATTENZJONI għal:

38. l-importanza tal-kooperazzjoni interdixxiplinari fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-ebda istituzzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ ma titħalla tibqa' lura;
39. il-ħtieġa li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fit-teknoloġiji edukattivi billi jitrawwem l-iżvilupp ta' għodod u soluzzjonijiet tal-IA bbażati fl-UE, f'konformità mal-valuri u l-interessi tal-Unjoni.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

40. Jappoġġaw lill-għalliema biex jibnu fuq il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali eżistenti biex jużaw u jgħallmu dwar l-għodod u t-teknoloġiji tal-IA b'mod effettiv, u biex jifhmu l-benefiċċji u r-riskji assoċjati.
41. Jappoġġaw l-introduzzjoni u l-użu ta' għodod tal-IA, fejn iżidu l-valur pedagoġiku, b'mod li jikkomplementa u jsaħħaħ id-dimensjoni umana tat-tagħlim u ma jissostitwixxix ir-rwoli jew ir-relazzjonijiet pedagoġiċi tal-għalliema mal-istudenti.
42. Iħeġġu l-forniment ta' għodod tal-IA affidabbli, etiċi, iċċentrati fuq il-bniedem, infurmati mir-riċerka u spjegabbli, imfassla speċifikament għal kuntesti edukattivi u adattati għall-etajiet tal-istudenti u l-iskop edukattiv maħsub.
43. Meta rilevanti, jagħtu s-setgħa lill-għalliema biex jintegraw l-għodod tal-IA fil-proċessi tat-tagħlim u tal-apprendiment b'mod kritiku, responsabbli, etiku u kunfidenti, filwaqt li jissalvagwardaw l-awtonomija pedagoġika, il-ġudizzju professjonali u l-benesseri tal-istudenti.

44. Jistimulaw l-integrazzjoni tal-litteriżmu fl-IA, meta applikabbli, fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu.
45. Jinvolvu lill-għalliema fil-ħolqien u fl-evalwazzjoni ta' inizjattivi tal-IA u jħeġġu r-riċerka teżamina l-impatt tal-IA fuq ir-rwoli tal-għalliema, kif ukoll fuq l-eżiti tal-apprendiment.
46. Jippromwovu approċċi etiċi, sikuri u affidabbli għall-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz ta' gwida dwar il-protezzjoni tad-data, is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju, ir-responsabbiltà u s-salvagwardji ċċentratu fuq l-istudent.
47. Jindirizzaw kwistjonijiet ta' ekwità u aċċessibbiltà, inkluż l-aċċessibbiltà lingwistika u d-disparitajiet reġjonali, billi jippromwovu aċċess ġust għall-għodod tal-IA, l-infrastruttura diġitali u riżorsi diġitali ta' kwalità għolja għall-għalliema u l-istudenti kollha.
48. Jesploraw u jisfruttaw il-potenzjal tal-IA biex jappoġġaw approċċi inklużivi, personalizzati u ċċentratu fuq l-istudent, inkluż fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol.
49. Iqisu kif xieraq l-impatt tal-IA fuq l-ammont ta' xogħol tal-għalliema, il-prattiki ta' valutazzjoni tagħhom u l-kompiti amministrattivi tagħhom, bil-ħsieb li jiġu żgurati d-drittijiet tal-għalliema permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sostenibbli u ta' appoġġ.
50. Jappoġġaw il-benesseri tal-għalliema, filwaqt li jiżguraw li l-IA tikkontribwixxi għat-titjib tal-proċessi tat-tagħlim u tal-apprendiment mingħajr ma toħloq pressjoni żejda.

JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, fl-isfera tal-kompetenza tagħha u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà:

51. Tkompli l-kooperazzjoni u tiżviluppa ulterjorment is-sinerġiji mal-Kunsill tal-Ewropa, l-UNESCO, u l-OECD; tkompli l-ħidma mal-OECD dwar il-finalizzazzjoni tal-Qafas ta' Litteriżmu fl-IA għall-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja.
52. Tappoġġa approċċ koerenti u strateġiku għall-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell Ewropew li jiffoka fuq il-ħiliet diġitali, il-litteriżmu fl-IA, l-appoġġ għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-ħsieb kritiku u li jagħti spinta lir-reżiljenza demokratika, inkluż il-kapaċità li jiġu vvalutati l-preġudizzju, id-diżinformazzjoni u r-riskji relatati mal-bullying ċibernetiku, filwaqt li taħdem lejn il-Pjan Direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali.
53. Tiffaċilita l-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-evidenza, ir-riċerka, il-prattiki tajbin u l-iskambju ta' politika dwar approċċi ċċentrati fuq il-bniedem għall-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz taċ-Ċentru Ewropew tal-Edukazzjoni Diġitali.
54. Tkompli taħdem fuq il-gwida u r-riżorsi prattiċi u xxerridhom biex tappoġġa l-użu etiku, responsabbli, sikur u trasparenti tal-għodod tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi tippromwovi l-*Linji gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment* u l-*Guidelines for teachers and educators on tackling disinformation and promoting digital literacy through education and training* (mhux disponibbli bil-Malti) aġġornati dan l-aħħar.

55. Tipproċedi bl-aġġornament tal-qafas Ewropew għall-kompetenza diġitali tal-edukaturi (DigCompEdu) biex tqis l-iżvilupp rapidu u l-użu dejjem akbar tal-IA, filwaqt li tiżgura li l-edukaturi jkunu mgħammra bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex jintegraw b'mod effettiv, kritiku u responsabbli l-għodod u l-prattiki bbażati fuq l-IA fit-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni.
56. Tiżgura l-koerenza fl-inizjattivi kollha tal-UE relatati mal-IA, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u t-trasformazzjoni diġitali.
57. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-għoti ta' oqfsa u gwida dwar ir-responsabbiltajiet legali u ta' protezzjoni tad-data, inkluż l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
58. Tappromwovi l-involviment tal-għalliema fit-tfassil u l-evalwazzjoni ta' inizjattivi fil-livell tal-UE dwar l-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom:

59. Ikomplu jiżviluppaw programmi xierqa ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet biex iħejju lill-għalliema jaħdmu f'ambjenti dejjem aktar rikki fl-IA.
60. Jaħdmu biex jiggwidaw u jiproteġu lill-għalliema fl-użu tal-għodod tal-IA fil-klassi permezz ta' appoġġ fil-livell tas-sistema.

61. Iħeġġu attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u skambju ta' prattiki tajbin, inkluż fil-livell Ewropew, dwar l-użi tal-IA ċċentrati fuq l-istudent u pedagoġiċi.
62. Jiżguraw il-koerenza mal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, inkluż l-enfasi tiegħu fuq il-kwalità, l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd.
63. Jagħmlu użu tajjeb mir-riżorsi offruti mil-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità biex jappoġġaw l-użu effettiv, sikur u inklużiv tal-IA mill-għalliema, filwaqt li jiżguraw li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Laboratorju tal-Apprendiment tibqa' volontarja.
64. Ikomplu jappoġġaw il-fehim tal-IA mill-għalliema billi jippromwovu riżorsi ta' apprendiment professjonali ddedikati, komunitajiet ta' prattika u proġetti kollaborattivi dwar l-użu pedagoġiku, etiku u prattiku tal-IA inkluż permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, il-komunità tal-eTwinning u l-għodda SELFIE for TEACHERS, skont il-ħtieġa.
65. Jippromwovu u jappoġġaw ir-riċerka, l-esperimentazzjoni u l-bini tal-evidenza dwar l-użu tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-evalwazzjoni u l-ottimizzazzjoni tagħha, fil-livell nazzjonali u tal-UE, biex jinfurmaw il-politika u l-prattika pedagoġika.
66. Ikompu jippromwovu ċ-ċittadinanza diġitali u jappoġġaw l-involviment fiċ-ċittadinanza permezz ta' teknoloġiji tal-IA.
